A.L. 118 tal-2023

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI (KAP. 542)

Ordni tal-2023 li jirrevoka r-Regolamenti dwar ŻFIN Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti, il-Ministru responsabbli għall-kultura, fuq il-parir tal-Kunsill, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2023 li jirrevoka r-Regolamenti dwar ŻFIN Malta.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Lulju, 2023.

Riżerva u revoka tar-Regolamenti dwar ŻFIN Malta. L.S. 542.04.

2. Mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom, ir-Regolamenti dwar ŻFIN Malta huma b'dan revokati.

EMENDI KONSEGWENZJALI

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti. Kap. 542.

3. Fil-partita (g) tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti, il-kliem "Żfin Malta" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva".

Jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva. A.L. 117 tal-2023.

4. L-artikolu 2 tal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) it-tifsira "Żfin Malta" tiegħu għandha tiġi mħassra; u

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fit-tifsira "sector" tiegħu l-kliem "Arts Council Malta Act;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Arts Council Malta Act." u minnufih wara t-tifsira "Żfin Malta" għandha tiġi mħassra.